

**Brussell, 19 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

14173/19

**JAI 1204
FREMP 167
AG 56
POLGEN 182**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	ST 13622/19 and 14116/19
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Presidenza - Evalwazzjoni tad-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2016, ġie maqbul li d-djalogu dwar l-istat tad-dritt fil-Kunsill għandu jiġi evalwat mill-ġdid sa tmiem l-2019.

Fis-16 ta' Settembru 2019, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet, u wara dan il-Presidenza bagħtet kwestjonarju lid-delegazzjonijiet. Abbażi tal-kontributi riċevuti, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' konklużjonijiet.

F'żewġ laqgħat informali fl-24 u d-29 ta' Ottubru 2019, l-esperti eżaminaw it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tad-Djalogu annwali dwar l-Istat tad-Dritt.

Fil-Coreper tas-6 ta' Novembru 2019, ma setax jintlaħaq kunsens dwar l-abbozz anness mad-dokument 13622/19.

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2019, id-diskussjonijiet ma wasslux biex jintlaħaq kunsens dwar il-konklużjonijiet dwar l-evalwazzjoni tad-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt. Madankollu, il-Presidenza kkonkludiet li t-test anness ma' din in-nota kien appoġġat jew ma kienx hemm oġġezzjoni għalih minn 26 delegazzjoni.

EVALWAZZJONI TAD-DJALOGU ANNWALI DWAR L-ISTAT TAD-DRITT

FILWAQT LI NFAKKRU li fil-15 ta' Novembru 2016 il-Kunsill qabel li d-djalogu dwar l-istat tad-dritt fil-Kunsill għandu jiġi evalwat mill-ġdid sa tmiem l-2019.

1. Aħna ntennu li l-konklużjonijiet tal-2014 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt jibqgħu validi;
2. naffermaw mill-ġdid il-prinċipji elenkati fil-konklużjonijiet tal-2014, b'mod partikolari: l-oġġettività, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-Istati Membri kollha; approċċ mhux partiġġjan u bbażat fuq l-evidenza, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi, kif ukoll ir-rispett tal-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri inerenti fl-istrutturi fundamentali tal-politika u l-kostituzzjoni tagħhom, li jinkludu l-awtonomija reġjonali u lokali, u l-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat, il-ħarsien tal-liġi u tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali; dan l-approċċ għandu jitmexxa 'l quddiem fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali;
3. intenu li dan id-djalogu ser jiġi żviluppat b'mod li jevita d-duplikazzjoni u li jqis l-istrumenti u l-kompetenzi eżistenti f'dan il-qasam;
4. naqblu li, wara ħames snin ta' esperjenza, l-implimentazzjoni Prattika ta' dan il-qafas tista' tiġi żviluppata aktar, biex tirrifletti l-impenn tal-Kunsill u tal-Istati Membri biex jissaħħaħ aktar id-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt;
5. naqblu li d-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt, stabbilit fl-2014 biex jipromwovi u jissalvagwardja l-istat tad-dritt fil-qafas tat-Trattati, wera li huwa mekkaniżmu utli;
6. ninnutaw li fl-aħħar ħames snin dan id-djalogu fil-Kunsill tmexxa abbażi ta' temi speċifiċi, proposti mill-Prezidenza, u li l-ewwel evalwazzjoni saret fl-2016;
7. ninnutaw li l-evalwazzjoni tad-djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt imwettqa fi tmiem l-2019 uriet li, sabiex jikkontribwixxi aħjar għall-għan tat-tisħiħ tar-rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni, hemm xewqa li d-djalogu jkun aktar b'saħħtu, aktar orjentat lejn ir-riżultati u strutturat aħjar, li t-tħejjijiet għad-djalogu jkunu aktar sistematiki, u li jkun żgurat segwitu xieraq;

8. naqblu li dawn l-għanijiet jistgħu jiġu promossi b'mod effettiv billi jsir eżerċizzju annwali ta' rendikont dwar is-sitwazzjoni attwali u l-iżviluppi ewlenin fir-rigward tal-istat tad-dritt, li jiffaċilita diskussjoni komprensiva, ġenwina u interattiva ffokata b'mod ġenerali fuq is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri u fl-Unjoni kollha kemm hi, filwaqt li jitqiesu t-tendenzi pożittivi u negattivi;
9. ninnutaw li tali djalogu fil-Kunsill ikun jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' problemi tal-istat tad-dritt b'mod inklużiv u kostruttiv permezz ta' diskussjoni u skambju tal-aħjar Prattika, kif ukoll għall-iżgurar ta' segwitu u kontinwità xierqa;
10. naqblu li dan ir-rendikont annwali jista' jagħmel użu mir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt, li jwassal għal sinerġiji bejn l-istituzzjonijiet;
11. nappellaw lill-Kummissjoni biex tinvolvi mill-qrib lill-Istati Membri meta tkun qed tfejji r-rapport tagħha dwar l-istat tad-dritt u biex tippubblika dan ir-rapport sew qabel id-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt li għandu jsir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħarifa, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu osservazzjonijiet ulterjuri u biex ikunu jistgħu jsiru tfejji xierqa għad-djalogu;
12. naqblu li t-tfejji għad-djalogu jistgħu jinkludu wkoll użu aktar frekwenti ta' skambji interattivi organizzati mill-Presidenza, bħal seminars mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
13. ninnutaw li bħala segwitu għad-djalogu fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, jistgħu jiġu organizzati diskussjonijiet ta' segwitu dwar tema partikolari waħda jew aktar fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali, meta jitqies xieraq u meħtieġ;
14. filwaqt li nirrikonoxxu r-rwol orizzontali u r-responsabbiltajiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, li għandu rwol ċentrali fid-djalogu, inħeġġu lil konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill biex jorganizzaw diskussjonijiet ulterjuri aktar approfonditi fuq kwistjonijiet dwar l-istat ta' dritt li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom, b'kont meħud, kif adatt, tad-diskussjonijiet fil-qafas tad-djalogu;
15. ninnutaw id-diskussjonijiet li għaddejjin fost l-Istati Membri kollha dwar l-elaborazzjoni konkreta tal-proċedura u l-modalitajiet ta' mekkaniżmu ta' reviżjoni perijodika bejn il-pari dwar l-istat tad-dritt; naqblu li din il-ħidma għandha titkompla, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv żejjed u tiġi żgurata l-koerenza meħtieġa;
16. sa tmiem l-2023 ser nevalwaw l-esperjenza miksuba abbażi ta' dan id-djalogu.